**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 16 ta' April 2024**

**Kawża Numru: 5**
**Rikors Ġuramentat Numru:- 88/2024 JVC**

**Ingrid Grech Lanfranco (K.I. 529964M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Ingrid Grech Lanfranco talbet kif isegwi:

1. 'Illi l-esponenti twieldet bħala Ingrid Lanfranco, u dan hekk kif joħroġ ċar miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha hawn anness u mmarkat bħala **Dok. A**;

2. Illi l-esponenti iżżewġet lil Christopher Grech nhar it-30 ta' Novembru 1997 u għażlet li tieħu kunjom żewġha u ċioe' Grech u żiedet il-kunjomha ta' xebba u b'hekk, minn dejjem kienet magħrufa bħala "Grech Lanfranco", u dan hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok. B**;

3. Illi permezz ta' digriet mogħti nhar il-25 ta' Jannar 2022 mill-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet *'Chris Grech u Ingrid Grech Lanfranco vs X'*, l-esponenti Ingrid Grech Lanfranco ottjeniet id-divorzju, liema divorzju ġie rreġistrat mar-Reġistru Pubbliku, u dan hekk kif jirriżulta mill-annotazzjonijiet tal-att taż-żwieġ anness u mmarkat Dok B;

4. Illi fil-proċeduri ta' divorzju, l-esponenti għażlet illi tibqa' żżomm kunjomha ta' miżżewġa u ċioe' Grech Lanfranco, u dan kif tippermetti l-liġi;

5. Illi l-esponenti tixtieq tirreverti għal kunjomha ta' xebba hekk kif tippermetti l-liġi nostrana, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, l-attriċi umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

1. Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha u tiddikjara ai finijiet u l-effetti kollha tal-liġi li kunjom l-attriċi għandu jkun 'Lanfranco';

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv 2114 tas-sena 1997 sabiex jirrifletti din il-bidla fil-kunjom tal-attriċi.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi jibda billi jingħad li la darba l-kawża mressqa mir-rikorrenti qed issir bil-għan illi tintalab korrezzjoni ta' Att tal-Istat Ċivili, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**2.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur;

**3.** Illi mill-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv numru **2114/1997**, kopja ta' liema ġiet annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata Dok. B, jirriżulta illi l-attriċi żżewġet lil Christopher Grech f'Malta nhar it-30 ta' Novembru 1997, u li maż-żwieġ hija adottat kunjom żewġha, 'Grech';

**4.** Illi mill-annotazzjoni fuq l-istess Att taż-Żwieġ jirrizulta li ġie pronunzjat il-ħall taż-żwieġ permezz ta' sentenza datata 25 ta' Jannar 2022 u dan kif jirriżulta mill- annotazzjoni datata 5 t'April 2022 fuq l-istess Att taż-Żwieġ. Jirriżulta illi din is-sentenza ma kienetx tordna illi l-mara sejra tirriverti lura għal kunjom xbubitha u għalhekk l-kunjom baqa' kif kien wara ż-żwieġ. Dan jidher illi huwa kkonfermat ukoll

mill-affidavit tal-attriċi u għalhekk **ma sar ebda żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku** meta ġie reġistrat l-imsemmi divorzju ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16;

**5.** Mir-rikors promotur jirriżulta li l-attriċi trid tirriverti għal kunjom xbubitha għal motivi elenkati fl-istess rikors;

**6.** Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, anke in vista ta dispozizzjonijiet fl-Artikolu 62 u l-Artikolu 66L(4) tal- Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u li jkunu rrispettati r-regoli proċedurali;

**7.** Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti**;

**8.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 9 tal-proċess.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors ġuramentat fosthom iċ-ċertifikat taż-żwieġ u l-affidavit tal-istess rikorrenti li fih tispjega r-raġuni għalfen mad-divorzju l-kunjom baqa' indikat "Grech Lanfranco" u mhux "Lanfranco".

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrenti llum stess fejn ikkonfermat lill-Qorti li hija tidentifika bil-kunjom "Lanfranco" u mhux bil-kunjom "Grech Lanfranco". Eżebiet ukoll dokumentazzjoni li tevidenzja illi terzi persuni wkoll jindirizzawha bħala Ingrid Lanfranco u mhux ukoll bil-kunjom Grech.

Rat l-affidavit ta' oħt ir-rikorrenti l-Maġistrat Lara Lanfranco li wkoll ikkonfermat illi oħtha r-rikorrenti tidentifika biss bil-kunjom Lanfranco u mhux Grech Lanfranco.

Illi in vista ta' dak suespost u l-provi fl-atti l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha u tiddikjara ai finijiet u l-effetti kollha tal-liġi li kunjom l-attriċi għandu jkun 'Lanfranco';

3. Tilqa' t-tieni talba w tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv 2114 tas-sena 1997 sabiex jirrifletti din il-bidla fil-kunjom tal-attriċi;

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**16 ta' April 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**16 ta' April 2024**